MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2010

Appell Civili Numru. 120/1999/1

**Peter Paul Muscat f'ismu proprju u bhala mandatarju ta' ohtu l-imsiefra Evelyn Mowatt, David Muscat, Frances Muscat, Maryanne Muscat, Emanuela, maghrufa bhala Liliana Micallef, Rita Carabezz**

**v.**

**Francis Muscat u ghal kull interess li jista' jkollu Anthony Muscat**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan huwa appell *ad istanza* tal-konvenuti Francis Muscat u Anthony Muscat li permezz tieghu qeghdin jitolbu lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurizdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali, moghtija fit-8 ta' Frar 2008 fil-kawza fl-ismijiet premessi billi, filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti (salvi l-ewwel zewg eccezzjonijiet li minnhom ma huwiex qed isir appell) tikkonferma s-sentenza appellata, kwantu din laqghet it-tielet (3) ir-raba' (4) u s-sitt (6) eccezzjonijiet u kwantu din cahdet l-ewwel (1) u t-tieni (2) talbiet tal-atturi, tirrevokaha u thassarha kwantu gew michuda l-eccezzjonijiet l-ohra u fejn gew in parti milqugha t-tielet (3) u r-raba' (4) talbiet fis-sens li inghad fl-ewwel sentenza. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti qeghda tigi hawnhekk riprodotta fl-intier taghha:

“Il-Qorti,

**“Simulazzjoni - *Datio in Solutum* – Donazzjoni Parzjali – Negozju Mist li fih hemm element ta' onerozita' u ta' liberalita'.**

“Rat ic-citazzjoni prezentata fis-6 ta' Awwissu 1999 li permezz taghha l-atturi ppremettew:-

“Joseph Muscat, missier il-kontendenti, bl-eccezzjoni tal-atturi Marianne, Frances u Emanuela ahwa Muscat li taghhom hu n-nannu, miet fis-7 ta' Ottubru 1990 u skond testment tieghu fl-atti tan-nutar Giusepp Cauchi tat-13 ta' Dicembru 1978 innomina bhala eredi lil uliedu Toni, Rita Carabez, Evelyn Mowatt, Peter u Francis fi kwota ta' sesta parti kull wiehed, u lill-erbat ulied ta' bintu l-mejta Rosina Muscat, cioe` Marianne, David, Frances, u Emanuela ahwa Muscat fir-rimanenti sesta parti bejniethom.

“Peress illi Carmela Muscat, armla ta' Giusepp Muscat mietet fil-15 ta' Gunju 1996 u rregolat is-successjoni taghha bl-imsemmi testment fl-atti tan-nutar Giusepp

Cauchi fejn innominat bhala eredi taghha lil uliedha u t-tfal tal-mejta bintha fl-istess kwoti.

“L-atturi accettaw il-wirt ta’ Joseph Muscat, izda ghadhom jiddeliberaw jekk jaccettawx ukoll l-eredita` lilhom devoluta minghand Carmela Muscat jew ghall-kuntrarju jirrinunzjaw ghal dik l-eredita` b’rizerva tad-drittijiet legittimarji.

“Qabel jiehdu d-decizjoni taghhom l-atturi ghandhom interess li fil-massa ereditarja jidhlu l-beni kollha li kellhom il-konjugi Muscat.

“Permezz ta’ kuntratt ta’ *datio in solutum* pubblikat min-Nutar Paul George Pisani fl-10 ta’ Lulju 1991 Carmela Muscat kienet assenjat lill-konvenut Francis Muscat il-proprjeta` li tissemma fl-istess kuntratt.

“L-atturi jsostnu li dan il-kuntratt hu null ghas-segwenti ragunijiet:-

“Fl-ewwel lok ir-raba fi Triq Xandriku ma kienitx parafernali tal-omm izda kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti ta’ bejn Carmela u Giusepp Muscat peress illi kienet thalliet b’legat rimuneratorju lil Carmela Muscat mill-genituri taghha Francesco u Maria konjugi Grech bis-sahha tat-testment taghhom fl-atti tan-Nutar John Busuttil tad-9 ta’ Mejju 1959. Konsegwentement Carmela Muscat ma kellha ebda dritt illi tittrasferixxi jew tiddisponi mis-sehem gia` spettanti lil zewgha minn din ir-raba.

“Fit-tieni lok, dawn il-fondi gew pacuti ma’ somma ta’ tmint elef Lira Maltija (Lm8,000) allegatament dovuti lill-konvenut Francis Muscat bi hlas ta’ servigi kuri u assistenzi illi huwa irrenda lil ommu. Skond ma jirrizulta mic-certifikat peritali hawn anness fl-1991, dawn it-tlett fondi flimkien kien fihom valur tal-anqas Lm40,000. Ghalhekk jirrizulta illi dan it-trasferiment sar unikament sabiex jiddefrawda d-drittijiet tal-atturi u kull min jiret lill-imsemmija Carmela Muscat peress illi b’dan il-mod l-istess proprjeta` tinhareg mill-massa ereditarja u peress illi fi kwalunkwe kaz il-valur tal-proprjeta` immobiljari hekk

koncessa kienet fir-realta`, dakinhar tal-kuntratt innifsu, ferm aktar minn dak indikat fl-istess att.

“Fit-tielet lok it-trasferiment huwa simulat billi l-vera intenzjoni tal-kontraenti ma kienitx illi jaddivjenu ghal kuntratt b’titolu oneruz izda trasferiment b’titolu gratuwitu.

“Peress li l-kuntratt sar bi pregudizzju ghad-drittijiet tal-atturi, huma intitolati li jitolbu r-rexxissjoni tal-kuntratt ta’ *datio in solutum* sabiex qabel xejn dawn il-fondi jingiebu fil-massa ereditarja u mbaghad wara li tkun giet stabbilita il-konsistenza tal-massa ereditarja huma jkunu fi grad li jiddeciedu jekk jaccettawx jew le l-wirt ta’ Carmela Muscat kif ukoll bi pregudizzju ghad-drittijiet tal-atturi *qua* eredi ta’ missierhom in kwantu l-omm iddisponiet minn sehem minn din il-proprjeta’ illi ma kienx jispetta lilha.

“Talbu ghalhekk l-atturi sabiex din il-Qorti:-

“1. Tiddikjara li l-imsemmi kuntratt ta’ *datio in solutum* fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tal-10 ta’ Lulju 1991 li Carmela Muscat kienet assenjat lill-konvenut Francis Muscat bicca mandra fi Triq Xandriku, Nadur, Ghawdex tal-kejl ta’ madwar mitejn metru kwadru; il-fond 126, Triq Xandriku, Nadur; u porzjon art Tal-Bir fi Triq Hanaq, Sqaq numru wiehed Nadur, tal-kejl ta’ 261 metri kwadri sar bi pregudizzju tad-drittijiet tal-atturi ghaliex bih Carmela Muscat iddisponiet minn sehem mir-raba fi Triq Xandriku, Nadur illi ma kienx jispetta lilha in kwantu kien jispetta lill-assi ereditarji tal-mejjet zewgha kif ukoll ghaliex dan it-trasferiment sar unikament sabiex jiddefrawda d-drittijiet tal-atturi u kull min jiret lill-imsemmija Carmela Muscat peress illi b’dan il-mod l-istess proprjeta` tinhareg mill-massa ereditarja, u fi kwalunkwe kaz it-trasferiment huwa simulat billi l-valur tal-proprjeta` immobiljari hekk koncessa kienet fir-realta` dakinhar tal-kuntratt innifsu, ferm aktar minn dak indikat fl-istess att.

“2. Konsegwentement tiddikjara li l-istess kuntratt hu null u bla ebda effett.

“3. Fin-nuqqas li tigi akkolta l-ewwel talba, tiddikjara u tiddeciedi li l-kuntratt huwa sostanzjalment simulat billi fir-realta` huwa kuntratt ta’ donazzjoni u mhux trasferiment b’titolu oneruz.

“4. Tiddikjara l-istess kuntratt null u bla ebda effett legali bhala titolu oneruz u validu biss bhala trasferiment b’titolu gratuwitu.

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet prezentata fil-31 ta’ Awwissu 1999:

“1. Preliminarjament ma hux moghti d-dritt lill-atturi li jipprocedu b’din il-kawza meta huma ghadhom la libsu l-vesti ta’ werrieta u lanqas dawk ta’ legittimarji. Ma jistghux l-atturi jippretendu li jipprocedu b’din il-kawza meta huma ghadhom totalment estraneji ghall-eredita` ta’ Carmela Muscat. Barra minn hekk fi kwalunkwe kaz iridu jigu prezentati d-denunzji relattivi.

“2. In-nullita` tac-citazzjoni minhabba konfuzjoni fil-premessi kwantu ma hux car x’tip ta’ azzjoni qed tigi esperita, kwantu hux azzjoni bazata fuq nullita` ta’ kuntratt minhabba difett ta’ oggett tieghu jew hux minhabba simulazzjoni fil-kawza tal-istess kuntratt.

“3. Mhux minnu li l-proprjeta` assenjata permezz tal-att tal-10 ta’ Lulju 1991 specifikatament ir-raba ta’ Xandriku msemmija fic-citazzjoni ma kienitx tappartjeni lil Carmela Muscat. Fil-fatt din kienet proprjeta` parafernali u kienet giet imhollija lilha permezz ta’ testment opportune mill-genituri taghhom. Mhux minnu dak li jghidu l-atturi u cioe` illi l-proprjeta` tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti bejnha u bejn zewgha ghar-raguni illi thalliet b’legat rimuneratorju. Dan peress illi minn kliem id-disposizzjoni testamentarja stess din l-art thalliet b’legat lil Carmela Muscat liema legat kien sempliciment assoggettat ghall-kondizzjoni li kellha tigi mwettqa minn l-attrici fil-futur. Imkien ma jissemma illi din thalliet bhala remunerazzjoni. Dan minbarra ragunijiet ohra validi fil-ligi li jigu spjegati aktar fid-dettal waqt il-kors tas-smiegh tal-kawza.

“4. Ghalhekk Joseph Muscat ma kellu xejn mir-raba ta’ Triq Xandriku.

“5. Minghajr pregudizzju kieku ghal grazzja tal-argument wiehed kellu jikkoncedi li nofs ta’ dik l-art kienet tappartjeni lil Joseph Muscat, dan ma jimportax in-nullita` ta’ dak l-att jew tat-trasferiment intier ta’ dik ir-raba partikolari.

“6. L-allegazzjoni li l-att ta’ *datio in solutum* tal-10 ta’ Lulju 1991 fl-atti tan-Nutar Dr. Paul G. Pisani sar biex jiddefrawda d-drittijiet tal-atturi hija falza u bbazata merament fuq sopposizzjoni nfondata.

“7. Huwa kkontestat li l-att ta’ *datio in solutum* tal-10 ta’ Lulju 1991 fl-atti tan-Nutar Dr. Paul George Pisani huwa donazzjoni simulata.

“8. Il-valuri attribwiti f’dak l-att huma veri u rejali u kienu jirriflettu l-valuri gusti u rejali fid-data tal-att.

“9. Bla pregudizzju kien il-konvenut Francis Muscat li dejjem irrenda kuri, assistenzi u servigi, kif baqa’ jirrendi lil ommu sa mewtha, il-valur ta’ liema jissupera l-valur tal-proprjetajiet assenjati.

“10. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess il-valuri attribwiti lil proprjeta` mill-atturi fic-citazzjoni huma ghal kollox ezagerati.

“11. Id-domandi attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt kif jigi dettaljament pruvat waqt il-kors tas-smiegh tal-kawza.

“Rat l-atti tal-kawza.

“Rat id-digriet moghti fis-17 ta’ Ottubru 2007 (fol. 462) li bih il-Qorti nnominat lill-Perit Valerio Schembri sabiex jaghmel stima tal-immobbli li kienu oggetti tal-kuntratt tal-10 ta’ Lulju 1991 skond il-prezzijiet applikabbli f’dak iz-zmien.

“Rat ir-rapport tal-perit tekniku Valerio Schembri li gie konfermat bil-gurament fit-13 ta’ Dicembru 2007 (fol. 645) u l-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Dicembru 2007 li permezz tieghu gie ddikjarat li *“….l-atturi qeghdin jirrimettu ruhhom ghar-rapport tal-perit tekniku AIC Valerio Schembri”* (fol. 479). Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta’ Jannar 2008 minn fejn jirrizulta li anke l-konvenuti rrimettew ruhhom ghar-rapport imhejji mill-perit tekniku.

“Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet li gew skambjati bejn il-partijiet.
“Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta’ Mejju 2007 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza.

“Ikkunsidrat:

“1. Il-fatt rilevanti huma s-segwenti:-

“(a) Il-kontendenti Peter Paul, Evelyn Mowatt, Rita Carabez, Anthony Muscat u Francis Muscat huma wlied Joseph u Carmela konjugi Muscat. L-atturi Emanuela Micallef, David Muscat, Maryanne Muscat u Emanuela Muscat huma wlied Angelo Muscat (wiehed mis-sitt itfal ta’ Joseph u Carmela konjugi Muscat).

“(b) Permezz ta’ kuntratt ta’ *datio in solutum* li sar fl-10 ta’ Lulju 1991 fl-atti tan-nutar Paul George Pisani, Carmela Muscat ittrasferiet lil binha l-konvenut Francis Muscat tlett proprjetajiet bil-valur ta’ tmint elef Lira Maltija (Lm8,000) *“liema somma l-partijiet qeghdin ipacuha ma’ somma ugwali dovuta mill-assenjanti nomine lill-assenjatarju ta’ diversi servigi, kuri u assistenzi rezi mill-assenjatarju lill-assenjanti nomine matul dawn l-ahhar snin u ta’ dawk li ser jipprestalha sal-gurnata ta’ mewtha”* (fol.13).

“(c) Carmela Muscat mietet fil-15 ta’ Gunju 1996 (fol. 6) u l-wirt taghha hu regolat minn testment fl-atti tan-Nutar Giuseppi Cauchi datat 13 ta’ Dicembru 1978 (fol. 16). L-eredi taghha huma Rosina Muscat, Rita Carabez, Anthony Muscat, Pietru Pawlu, Evelyn Muscat u

Francis Muscat f'sehem ugwali bejniethom cioe` ta' sest ($^{1}/_{6}$).

"(d) L-atturi qeghdin isostnu li:-

- Ir-raba fi Triq Xandriku, Nadur, Ghawdex kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti li Carmela Muscat kellha ma' zewgha Joseph Muscat li miet 7 ta' Ottubru 1990 (fol. 5) peress li din kienet thalliet lilha b'legat rimuneratorju mill-genituri taghha Francesco u Maria konjugi Grech in forza ta' testment fl-atti tan-Nutar John Busuttil tad-9 ta' Mejju 1959 (fol. 18).

- Il-proprjeta` li giet trasferita kien fiha valur ta' mill-inqas erbghin elf Lira Maltija (Lm40,000) u mhux ta' tmint elef Lira Maltija (Lm8,000) kif dikjarat fil-kuntratt. Ghalhekk skond l-atturi, il-kuntratt sar bi skop li jiddefrawda d-drittijiet tal-atturi u kull min jiret lil Carmela Muscat in kwantu bih il-proprjeta` nharget mill-massa ereditarja, u peress li t-trasferiment hu simulat in kwantu l-valur tal-proprjeta` immobiljari kienet fir-realta` tiswa iktar mill-ammont dikjarat.

- F'kull kaz il-kunsens tal-partijiet hu simulat in kwantu l-intenzjoni m'hijiex dik ta' trasferiment b'titolu gratuwitu imma li ssir liberalita`.

"2. L-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti hi li ma jistghux jaghmlu din l-azzjoni meta ghadhom ma libsux il-libsa ta' werrieta u lanqas dawk ta' legittimarji fir-rigward tal-wirt ta' Carmela Muscat. Din il-Qorti ma taqbilx in kwantu l-atturi ghandhom kull interess li fl-ewwel jistabilixxu x'jifforma parti mill-patrimonju tad-*decujus*. Process li jrid isir qabel jiddeciedu jekk jaccettawx il-wirt jew jitolbu l-legittima. Permezz ta' dawn il-proceduri l-atturi qeghdin jitolbu li l-fondi meritu tal-kawza jergghu jingiebu fil-massa ereditarja tad-*decujus*. F'din is-sitwazzjoni ghandhom kull interess li l-proprjeta` terga' tidhol fil-massa ereditarja ta' Carmela Muscat (inkluz li fir-rigward tal-art ta' Xandriku li nofs l-art tigi dikjarata li tifforma parti mill-wirt ta' Joseph Muscat li tieghu huma werrieta) sabiex b'hekk ikunu f'posizzjoni li jaghzlu jekk ghandhomx joptaw

ghall-wirt jew ghall-legittima. Kif tajjeb inghad fil-kawza fl-ismijiet **Mary Rose Vella et v. Michael Vella et** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Settembru 2007, *"L-atturi li ghadhom qed jiddeliberaw jekk jaccettawx l-eredita` lilhom devoluta mill-mejta ommhom, jew invece joptjaw ghal-legitima wara li jirrinunzjaw ghall-wirt, ghandhom interess li jassiguraw li l-assi tal-mejta ommhom jidhlu kollha fil-massa ereditarja u ghalhekk ipprezentaw il-kawza odjerna kontra huthom l-ohra"*. Hu maghruf ukoll li *"l'azione di simulazione puo' essere proposta da chiunque abbia interesse alla eliminazione della medesima"* (Giorgio Bianchi, *La Simulazione*, 2003, Cedam pagna 15). Ghalhekk din l-eccezzjoni ser tigi michuda.

"3. It-tieni eccezzjoni hi li c-citazzjoni hi nulla in kwantu l-konvenuti jsostnu li mill-premessi m'huwiex car x'tip ta' azzjoni l-atturi qeghdin jaghmlu, *"…kwantu hux azzjoni bazata fuq nullita` ta' kuntratt, minhabba difett fl-oggett tieghu jew hux minhabba simulazzjoni fil-kawza tal-istess kuntratt"* (fol. 48). Hu maghruf li citazzjoni ma ghandhiex tigi dikjarata nulla hlief ghal ragunijiet gravi u fost kollox wiehed ghandu jara jekk minn xi nuqqas jew xi zbalji li jkun fiha jigix ippregudikat il-konvenut b'mod li ma jkunx jista' jiddefendi ruhu. Minn qari tal-premessi il-Qorti tifhem li l-atturi qeghdin jibbazaw il-pretenzjoni taghhom fuq is-simulazzjoni tan-negozju guridiku li sar bejn il-konvenut Francis Muscat u Carmela Muscat. Fil-fatt l-atturi qeghdin isostnu li:-

"(a) Il-kuntratt meritu ta' din il-kawza sar bi skop li jiddefrawda d-drittijiet tal-atturi bhala eventwali eredi ta' ommhom Carmela Muscat, in kwantu d-*decujus* ittrasferiet proprjeta` li ma kienitx kollha taghha, it-trasferiment sar biex tinhareg proprjeta` mill-patrimonju ta' Carmela Muscat biex jigu eluzi d-drittijiet tal-eredi taghha, u l-valur tal-proprjeta` li giet trasferita ghandha valur ta' erbghin elf Lira Maltija (Lm40,000) u mhux kif dikjarat ta' tmint elef Lira Maltija (Lm8,000). F'dan is-sens jippretendu li l-kuntratt hu null u minghajr ebda effett. Wiehed ma jridx

jinsa li s-simulazzjoni hi forma ta' frodi[1]; **u li f'kull kaz** (ara talbiet)

"(b) Il-veru intenzjoni tal-partijiet ma kienitx dik li jaghmlu kuntratt oneruz (*datio in solutum*) imma trasferiment b'titolu gratuwitu (donazzjoni).

"Hu ghalhekk evidenti li l-atturi qeghdin jibbazaw l-azzjoni taghhom fuq il-premessa li bil-kuntratt giet trasferita proprjeta` li ma kienitx ta' Carmela Muscat u li l-kuntratt hu milqut minn simulazzjoni. Simulazzjoni li tfisser divergenza li l-partijiet riedu bejn l-intenzjoni u l-manifestazzjoni taghha. Fejn per ezempju jigi nvokat li

"In kwantu l-atturi qeghdin ukoll jippretendu li d-*decujus* ma setghet qatt tittrasferixxi l-proprjeta` ntjiera fl-art ta' Triq Xandriku, Nadur, Ghawdex peress li jsostnu li din il-proprjeta` kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn Joseph u Carmela konjugi Muscat, il-Qorti ma ssib xejn irregolari. Kif tajjeb osservaw l-atturi, m'hemmx ostakolu li kawza tigi mpostata fuq iktar minn kawzali wahda u m'hemm xejn inkompattibli bejn din il-kawzali u dik ta' simulazzjoni.

"Fic-cirkostanzi l-Qorti m'hijiex tara xi nullita` kontemplata mill-Artikolu 789 tal-Kap. 12 u ghalhekk din l-eccezzjoni ser tigi michuda wkoll.

"4. Ghal dak li hu meritu, dwar ir-raba fi Triq Xandriku, Nadur, Ghawdex l-atturi qeghdin jargumentaw li din hi proprjeta` li tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti tal-konjugi Joseph u Carmela konjugi Muscat peress li thalliet lil Carmela Muscat b'legat rimuneratorju. Din il-proprjeta` thalliet b'legat lil Carmela Muscat skond testment tad-9 ta' Mejju 1959 atti Nutar John Busuttil:

*""B'titolu ta' legat, it-testaturi ihallu lil binthom Carmela mart Giuseppe Muscat bicca raba li tinsab fi Trieq Xandriku, in-Nadur, Ghawdex tal-kejl ta' circa siegh, tmiss*

[1] Ara f'dan is-sens sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Luigi Spiteri Debono v. Joseph Spiteri Debono** deciza fil-5 ta' Dicembru 1953 (Vol. XXXVII.ii.797).

*Tramuntana mat-trieq, Nofsinhar ma' beni ta' Michelle Camilleri, Lvant ma' entrata u ma' beni ta' Antonio Buttigieg u ohrajn. Dan l-legat qieghed isir bl'obbligu li l-legatarja tibqa' tirrendi servizzi lit-testaturi sal-gurnata tal-mewt taghhom"* (fol. 20-21).

"Fir-rigward ta' legat rimuneratorju, *"..huwa wkoll risaput f'din l-materja li sabiex legat kontemplat fit-testment ikun rimuneratorju ghandu jirrizulta mill-istess testment, u mhux minn provi barranin (Kollez. XX.i.47) ghaliex kif josserva l-Pacific Mazzoni (Delle Successione Parte III, pag. 348, No. 200): "Nel legato fatto al creditore senza che il testatore avesse fatto menzione del suo debito non si presume che egli abbia con cio' stesso inteso obbligare il legatario a compensare col legato il suo credito. Da cio' deriva che la compensione in un legato non e' mai presunta; ma bisogna chenel testamento si faccia menzione del debito, **e per menzione intendesi indicazione espresso**. Ove questo menzione manchi, no e' al certo lecito per via di congetture, presunzioni, equipollenze e sottiglieze, andare investigando la mente ed intenzione del testatore, per togliere cosi' al legato il suo primigenio carattere di un atto di liberalita' e di beneficienza (v. De Filippis, Dto. Civ. Ital. Comparato, Vol. VI, pag. 442, No. 613; Kollez. XXIV.i.170; IX.217)"* **(Joseph Brincat et v. Maria Zammit et** deciza mill-Prim Awla fis-16 ta' Frar 1965 Vol. XLIX.ii.731). Irid ghalhekk jirrizulta mid-disposizzjoni testamentarja li hemm l-element ta' korrispettivita` u mhux sempliciment ir-rieda li tiggratifika b'att ta' liberalita`.

"Fil-fehma ta' din il-Qorti minn qari tad-disposizzjoni testamentarja relattiva mhux bilfors li wiehed ikollu jikkonkludi li l-legat hu wiehed rimuneratorju. Il-fatt li t-testatrici halliet il-fond bl-obbligu li l-legatarja tipprestalha servigi hu att ta' liberalita` u ma jfissirx awtomatikament li dak il-legat sar bi hlas ta' xi debitu. Dan apparti l-fatt li anke jekk din id-disposizzjoni kellha tkun interpretata bhala legat rimuneratorju:-

"(a) Din il-Qorti taqbel mal-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo**

**Sant v. Carmen Deguara et** deciza fil-21 ta' Gunju 1991 li osservat li *"…. fil-legati rimuneratorji bejn genituri w ulied, jekk mhux dejjem, kwazi dejjem, qatt ma huwa kompletament u esklussivament rimuneratorji ghaliex mhux koncepibbli li ma jkunx imhallat sewwa b'element ta' liberalita`. U dak li huwa gej mil-liberalita` ma huwa qatt parti mill-komunjoni tal-akkwisti amenoke` ma jigix espressament indikat il-kuntrarju"*. L-atturi stess fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom ma jeskludux li *"…. Dak il-legat gie ispirat anke minn spirtu ta' liberalita` min-nanniet tal-esponenti favur ommhom….."* (fol. 409);

"(b) Dan jifforma parti mill-gid patrimonjali tal-legatarju u mhux tal-komunjoni tal-akkwisti. L-Artikolu 1334(1) tal-Kodici Civili jiddisponi illi *"meta l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taht amministrazzjoni separata jkunu jezistu bejn il-mizzewgin, il-beni kollha li ma jaqghux taht il-paragrafu minn (a) sa (f) tal-Artikolu 1320 jew ma jkunux dotali,* ***huma parafernali****"*. Fil-fatt minn qari tal-Artikolu 1320 tal-Kodici Civili[2], hu evidenti li hwejjeg li jkunu messew lill-wiehed mill-konjugi *"b'donazzjoni, b'wirt, jew b'titolu iehor"* ma jifformawx parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

"Fic-cirkostanzi l-Qorti tasal biex tikkonkludi li Carmela Muscat setghet liberament taghmel dan it-trasferiment bhala proprjeta` parafernali taghha. Fl-affidavit li ghamlu l-atturi Peter Paul Muscat u Rita Carabez, iddikjaraw li l-proprjeta` kollha oggett tal-kuntratt tal-10 ta' Lulju 1991 kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti tal-genituri taghhom (fol. 63 u 65). Il-Qorti ma tifhimx kif qeghdin jghidu hekk meta fl-att tac-citazzjoni jsemmu biss ir-raba fi Triq Xandriku li m'hijiex parafernali ta' ommhom. Inoltre, mit-testment li ghamlu l-genituri ta' Carmela Muscat fid-9 ta' Mejju 1959 fl-atti tan-Nutar Dr. John Busuttil (fol. 18) jirrizulta li z-zewg proprjetajiet l-ohra oggett tal-kuntratt meritu ta' din il-kawza, thallew lil Carmela Muscat b'legat mill-genituri taghha (fol. 21).

[2] Dan il-provvediment ma giex emendat bl-emendi li saru bl-Att XX1 tas-sena 1993.

"5. Fil-kuntratt li hu l-meritu ta' din il-kawza[3] jinghad li l-assenjazzjoni tal-proprjeta` qeghda ssir u tigi accettata *"bil-valur komplessiv ta' tmint elef Lira Maltin (Lm8,000), liema somma l-partijiet qeghdin ipacuha ma' somma ugwali dovuta mill-assenjanti nomine lill-assenjatarju ta' diversi servigi, kuri u assistenzi rezi mill-assenjatarju lill-assenjanti matul dawn l-ahhar snin u ta' dawk li ser jipprestalha sal-gurnata ta' mewt"*. Mela ghandna dikjarazzjoni mill-kontraenti li l-valur tas-servigi hu ta' tmint elef Lira Maltija (Lm8,000).

"Ftehim ghandu jitqies li hu simulat meta *"bil-volonta` tal-persuni li hadu parti fih ikollu sinjifikat apparenti diversa minn dak li realment ghandu……Din is-simulazzjoni tista' tkun assolut jew totali, bhal meta l-partijiet ma riedu jaghmlu ebda att guridiku, jew relativ jew parzjali, bhal meta jigi konkluz att guridiku veru u reali, izda taht falza apparenza li tahbi l-vera natura tieghu"* (**Oscar Sammut nomine v. Antonio Ellul et** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Jannar 1945 – Vol. XXXII.i.138). F'din l-istess sentenza l-Qorti filwaqt li ghamlet riferenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-20 ta' Mejju 1932 fl-ismijiet **Schembri v. Schembri**, addottat il-fehma li *"…fil-kazi li l-kuntratti jigu attakkati bhala simulat, anki meta jkunu atti b'titolu gratuwitu, il-prova tas-simulazzjoni ghandha ssir minn ghand min jallegaha"*. Ghal dik li hi simulazzjoni relattiva, il-kuntratt m'huwiex null imma jigi dikjarat x'kienet il-veru ntenzjoni tal-partijiet. Ghalhekk l-att jibqa' validu *"se simulate la causa ed il titolo del contratto, I contraenti intendevano compiere un'atto non riprovato dalla legge"* (Vol. XVI.ii.332). Kif tajjeb gie osservat fil-kawza **Esther Pace et v. Mary Lauri et** pubblikata fil-Volum XXXIV.ii.666, *"l-azzjoni li ghandha bhala bazi s-simulazzjoni assoluta gandha bhala skop id-dikjarazzjoni ta' l-inezistenza assoluta ta' l-att;* ***dik li ghandha bhala bazi s-simulazzjoni relativa ghandha bhala skop illi tigi restitwita r-realta` tal-att u mnehhija l-forma apparenti tieghu****"* (sottolinejar tal-Qorti).

[3] 10 ta' Lulju 1991 atti Nutar Dr. Paul George Pisani.

"Fit-8 ta' Ottubru 2007 il-konvenuti pprezentaw permezz ta' nota, kopja ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Mary Rose Vella et v. Michael Vella et** deciza fit-28 ta' Settembru, 2007. F'dik il-kawza wkoll saret talba sabiex il-Qorti tiddikjara li kuntratt ta' *datio in solutum* kien sostanzjalment donazzjoni simulata taht l-apparenza ta' trasferiment oneruz. Talba li giet milqugha mill-ewwel Qorti parzjalment in kwantu l-Qorti ddikjarat li l-att kien in parti *datio in solutum*[4] ghas-servigi rezi u in parti *"donazzjoni simulata safejn jeccedi l-ammont dikjarat fuq l-istess kuntratt"*. Fl-istadju tal-appell is-sentenza giet revokata in kwantu l-Qorti tal-Appell irriteniet li in kwantu l-ewwel Qorti kienet waslet ghal konkluzjoni li l-konvenut kien irrenda servigi u gie kumpensat minn ommu bil-kuntratt li kien qieghed jigi mpunjat, *"il-kuntratt jew hu simulat jew m'huwiex"* u ghalhekk l-azzjoni tal-atturi ma setghetx tirnexxi. In sostenn tal-argument il-Qorti tal-Appell ghamlet riferenza ghas-sentenza moghtija mill-istess Qorti fl-10 ta' Novembru 1961 fil-kawza fl-ismijiet **Michele Mifsud v. Giorgia Mifsud et** fejn inghad li l-azzjoni ta' simulazzjoni hi ndivizibbli u r-rizultat taghha hu l-annullament fl-intjier tieghu tan-negozju guridiku simulat. F'dik il-kawza l-Qorti bbazat ruhha fuq estratt mill-ktieb ta' Prof. Antonio Butera, *Della Simulazione dei Negozi Giuridici* (1936).

"Fil-kaz taghna ghandna sitwazzjoni ta' kuntratt li fid-dehra tieghu hu oneruz. Hu possibbli li jkollok negozju mist, fejn parti jkun oneruz u parti gratuwitu (*negotium mixtum cum donatione*). L-istess awtur Butera fil-paragrafu ta' wara dak citat, isostni li f'tali cirkostanzi *"Taluni, muovendo dal principio che l'azione di simulazione e' indivisibile, ritengono che e' destinato a cader tutto nel nulla, in base al noto dettame: bonum ex integra causa, malum ex quocumque defectu.* ***Tale soluzione non e' attendibile. In base al principio che utile per inutile non vitiatur, nel negotium mixtum cum donatione si deve sceverare la parte di prestazione, rispondente all controprestazione, dall'eventuale eccedenza, che non***

---

[4] *"E' un atto per cui un debitore cede una cosa al suo creditore il quale acconsenti, in pagamento di una somma di denaro o di altra cosa che gli e' dovuta"* (Giorgi, *Teoria delle Obbligazioni*, VII n. 299).

***ha corrispettivo.*** *Sino alla misura in cui le due prestazioni si corrispondono, il negozio e' a titolo oneroso e non si fa luogo, tra l'altro, alla collazione (art. 1001. Cod. Civ.). Nel caso in cui tra le due prestazioni vi sia sproporzione, l'eccedenza somministrata materiale ad una donazione indiretta e, pero', il negozio prende norma dalle disposizioni degli atti a titolo gratuito, per quanto le medesime son applicabili. Per accertare ai fini della collazione se una convenzione onerosa, a causa di sproporzione di corrispettivo, costituisca invece un negotium mixtum e quindi donazione indiretta dell'eventuale eccedenza, occorre valutare I cespiti trasferiti in relazione al tempo del contratto"* (pagna 240).

"Din il-Qorti taqbel ma' din il-fehma u ghalhekk ma jfissirx li ma jistax ikollok sitwazzjoni fejn kuntratt m'huwiex ghal kollox oneruz in kwantu jista' jkun *in parte* gratuwitu. Ghalkemm fid-deher in-negozju jista' jkun oneruz pero` jista' jissimula warajh negozju mist in kwantu parti oneruz u parti gratuwitu. Il-kuncett ta' negozju mist saret riferenza ghalih mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Brincat et v. Hal Mann Limited** deciza fil-31 ta' Jannar 2007[5] fil-kaz ta' appalt fejn kuntrattur jintraprendi opra li fiha jaghti mhux biss ix-xoghol jew is-sengha tieghu, imma anke jfornixxi l-materjal, u dak l-appalt gie meqjus bhala affini ghall-bejgh (ara wkoll **Aplan Limited v. Etienne Formosa** deciza mill-istess Qorti fil-15 ta' Novembru 2006). Fil-kawza fl-ismijiet **Emanuel Ellul v. John Ellul et** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Imhallef G. Caruana Demajo) fit-30 ta' Gunju 2006 il-Qorti wara li kkunsidrat id-diskrepanza fil-prezz dikjarat fil-kuntratt u l-valur tal-proprjeta` kif stmata mill-perit tekniku, ghaddiet biex tikkunsidra jekk il-kuntratt ta' bejgh kienx fir-realta` *"….ghal kollox b'titolu gratuwitu,* ***jew kienitx biss in parte b'titolu gratuwitu*** *ghax thallas ghall-inqas il-prezz li deher fuq il-kuntratt, ghalkemm dan ma kienx daqskemm kienet tiswa tassew il-proprjeta`".* F'dak il-kaz il-Qorti waslet ghal konkluzjoni li d-disposizzjoni kienet ghal kollox b'titolu gratuwitu. Hekk ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Vincenzo Debono v. Nutar Dr. Vincent Gatt**

5 Imhallef P. Sciberras.

**nomine** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Gunju 1954 (Vol. XXXVIII.ii.513), il-Qorti kkonfermat li jista' jkollok kuntratt li jkun mist bl-element tal-onerozita` u ta' liberalita`, u ghalhekk parti minnu jkun donazzjoni. Rilevanti wkoll hi l-kawza fl-ismijiet **John Abela et v. Giovanna Abela et** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Mejju, 1982 u konfermata mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Jannar 1986[6]. F'dik il-kawza kien fost affarijiet ohra giet mitluba dikjarazzjoni li kuntratt ta' bejgh ta' ishma f'kumpanija kien sostanzjalment donazzjoni simulata taht apparenza ta' trasferiment oneruz. Il-Qorti ddikjarat li l-kuntratt kien wiehed mist, li fih kien jezisti element ta' onerosita` u kien ukoll jimplika donazzjoni parzjali li giet kwantifikata mill-istess Qorti. Min-naha tal-Qorti tal-Appell osservat li: *"Dawn il-Qrati diga` kellhom okkazjoni jippronunzjaw rwiehhom fis-sens li meta hemm l-isproporzjon bejn il-valuri assenjati u dan f'mizura konsiderevoli jista' jissussisti fl-istess kuntratt l-element ta' onerosita` u ta' liberalita` u dan ma jgibx in-nullita` tal-kuntratt – ikun hemm il-parti oneruza u l-parti li tammonta ghal donazzjoni"*.

"Fil-fehma ta' din il-Qorti kieku wiehed kellu jargumenta mod iehor ikun ifisser li d-drittijiet tal-werriet jew tal-legittimarji jistghu facilment jigu eluzi minn min ikun irrenda xi forma ta' servigi lid-*decujus* billi jinghata proprjeta` bi hlas li tkun tiswa ferm iktar mill-valur tas-servigi rezi. Bla dubju dawn ghandhom interess li juru r-realta` fuq l-apparenza li tkun giet krejata permezz tas-simulazzjoni. F'dan ir-rigward wiehed ma jistax icahhdilhom id-dritt li jipprocedu gudizzjarjament sempliciment ghaliex fil-kuntratt hemm ukoll l-element ta' onerozita`. M'hemmx dubju li fir-rigward ta' simulazzjoni relattiva, fejn apparentement isir negozju, imma realment

---

[6] *"Il-possibilita` ta' "kuntratt mist" gie accettat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza **Abela v. Abela**, decisa fl-24 ta' Jannar, 1986. Dik l-Onorabbli Qorti osservat li hu possibbli li kuntratt jigi dikjarat parzjalment null, izda ghal bqija validu. L-istess posizzjoni hadet din il-Qorti fil-kawza **Sammut v. Debono**, decisa fid-29 ta' Ottubru, 1999"* (**Alexandra Raciti v. Adrian Azzopardi et** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Imhallef Tonio Mallia) fit-3 ta' Novembru 2005).

ikun intiz u fir-realta` jsir iehor, il-principju hu li ghandu jsehh dak li l-partijiet riedu, u mhux dak li gie dikjarat li qeghdin jaghmlu. F'dawn ic-cirkostanzi wara l-kuntratt ikun hemm negozju guridiku mohbi u l-atturi jagixxu *iure proprio*, sabiex jittutelaw id-drittijiet soggettivi taghhom u ghalhekk jassumu l-vesti ta' terz u jista' jinghad li l-kundizzjoni taghhom tkun ekwivalenti ghal dik ta' kull kreditur iehor, u ghandhom kull dritt li jitolbu l-intervent tal-Qorti sabiex jissalvagwardjaw id-drittijiet taghhom.

"Il-konvenuti ghamlu riferenza ghas-sentenza pubblikata fil-Volum XXXIV.ii.666 fl-ismijiet **Esther Pace et v. Mary Lauri et** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Ottubru 1950 fejn inghad li d-donazzjoni maghmula bi hlas ta' servigi li taghti dritt ta' azzjoni kontra min jircevihom, m'hijiex hag'ohra hlief dazzjoni bi hlas[7] *"…u ghal din ma humiex applikabili r-regoli partikulari tad-donazzjoni"*. Il-principju hu li *"il creditore, avendo diritto all'esatta esecuzione della prestazione dovuta, puo' legittimamente rifiutare di accettare una prestazione diversa da quella dedotta in obbligazione, anche qualora si tratti di prestazione avente valore equale o addirittura maggiore* (*aliud pro alio inviot creditore solvi non potest"*. Ghalkemm dan hu minnu, l-konvenuti naqsu milli jaghmlu riferenza ghall-Artikoli 1739 u 1740 tal-Kodici Civili (Kap. 16):

*""Jekk id-donazzjoni ssir bi hlas ta' xi xoghol li ghalih id-donatarju kellu jedd ta' azzjoni, ir-regoli partikolari dwar id-donazzjonijiet ma jghoddux,* ***hlief*** *meta l-valur tal-haga moghtija b'donazzjoni jkun izjed, ghall-anqas bin-nofs, mill-hlas li jkun haqqu dak ix-xoghol, u dwar dan iz-zejjed biss".*

*"Ir-regoli partikolari dwar id-donazzjonijiet lanqas ma jghoddu ghad-donazzjonijiet oneruzi lid-donatarju, hlief meta l-valur tal-haga moghtija jkun izjed, ghall-anqas bin-*

[7] F'dan is-sens ukoll hu l-insenjament tal-gurista Laurent, *"Se al contrario, il donatario avesse un'azione per reclamare in giudizio il pagamento dei suoi servizi, la rimunerazione che gli e' accordata sara' una dazione in pagamento, dunque un atto oneroso e per la forma e per la sostanza"* (*Principii di Diritto Civile*, Vol. XII pagna 343).

*nofs, tal-valur tal-pizijiet ordnati lid-donatarju, u dwar dan iz-zejjed biss"*.

"6. L-atturi qeghdin isostnu li l-ftehim li sar bejn il-konvenut Francis Muscat u d-*decujus* (rapprezentata minn mandatarju fuq l-att) sar bl-iskop li jiddefrawda d-drittijiet tal-atturi bhala eventwali werrieta ta' ommhom. Hemm konflitt fil-verzjonijiet moghtija mill-kontendenti. Filwaqt li l-atturi jsostnu li l-konvenut Francis Muscat qatt ma ppresta servigi lill-ommu, il-konvenuti jinsistu li l-Carmel Muscat kienet tiddependi mill-konvenut. Mill-provi l-Qorti hi sodisfatta li l-konvenut Francis Muscat kien jiehu hsieb ommu u jghinha fid-dar. Ghalkemm kien jghix barra minn Malta, fl-1987 iddecieda li jirritorna lura lejn Malta u minn dak iz-zmien ghex mal-genituri tieghu. Il-konvenut baqa' guvni. Missieru miet fis-7 ta' Ottubru 1990 filwaqt li ommu mietet fil-15 ta' Gunju 1996. Il-konvenut jghid li kien jaghmel il-facendi tad-dar (isemmi hasil ta' hwejjeg, hasil tad-dar, regolarment jaghmel ix-xirja, tisjir u xoghol ta' manutenzjoni), jiehu hsieb ommu meta timrad, jipprepalha l-medicini (fol. 83). Il-konvenut ressaq diversi xhieda (mhux familjari) li jikkonfermaw li hu kien jiehu hsieb lill-ommu. Hekk per ezempju:-

- **<u>Carmela Xuereb</u> (fol. 94)**: spjegat li kemm-il darba kienet toffri lil Carmela Muscat sabiex tghinha u *"dejjem kienet tghidli li ma kelliex bzonn ghaliex dawn il-bzonnijiet kien jagmilhomlha binha Frans"*. Tikkonferma li d-dar kienet nadifa u kien hemm drabi li rat lill-konvenut isajjar, inaddaf jew jahsel il-hwejjeg.

- **<u>Joseph Mifsud</u> (fol. 96)**: *"Mhux darba u tnejn rajtu anke jaghmel facendi fid-dar. F'xi zmien Francis Muscat kien beda jahdem mal-Gozo Channel pero xorta wahda baqa jaghmlilhom il-qadijiet kollha li kellhom bzonn u wara l-mewt ta' missieru, Francis Muscat ha n-negozju tat-tjur u tal-bajd f'idejh u baqa' ghaddej bl-istess xoghol fir-raba' u facendi fid-dar"*.

- **<u>Joseph Muscat</u> (fol. 98):** girien ta' Joseph u Carmela konjugi Muscat li kkonferma li kien jaf li l-konvenut Francis Muscat kien idur bil-genituri tieghu. Qal

li wara l-mewt tal-missier *"….Francis baqa' jdur b'ommu u jaghmlilha dak kollu li jkollha bzonn ghaliex hija ghalkemm kienet ta' spirtu, minhabba z-zmien li kellha ma kinitx kapaci taghmel xejn"*.

- **<u>Maria Mifsud</u> (fol. 101)**: girien tal-konvenut. Tikkonferma li kienet taf li l-konvenut Francis Muscat kien idur b'ommu pero' ma tafx x'kien jaghmel ghalkemm kienet tarah fuq il-bejt jonxor il-hwejjeg. Taf ukoll li kien jahdem mal-Gozo Channel. Ziedet tghid li *"naf illi mill-ahwa kollha tal-konvenut huwa Frans biss li ma kienx mizzewweg. Mistoqsija min kien idur ma' Carmela u cioe' omm il-konvenut nghid illi kien il-konvenut li fl-ahhar ta' hajjitha dar biha. Nikkalkola li dejjem kienu l-ahhar tlieta, erba' (3-4 snin). Kont narah hemm u sahansitra kont narah anke jonxor il-hwejjeg"* (fol. 102) .

- **<u>Carmela Muscat</u> (fol. 112):** kienet tghaddi minn quddiem ir-residenza u kienet tara lil Carmela Muscat bilqeghda mal-bieb ta' barra; *"Kull darba li staqsejtha jekk kellhiex bzonn xi haga jew insajrilha xi haga hi kienet dejjem tghidli li Frans kien gia ippreparalha"*.

- **<u>Frances Xuereb</u> (fol.** 114): *"Lill-konvenut kont narah jiehu lil mama' tieghu l-knisja. Kont naraha tirkeb fil-vettura misjuqa mill-konvenut. Hi kienet tghidli li kienet sejra l-knisja. Naf li l-konvenut kien jerga' imur ghaliha. Facendi, omm il-konvenut kienet tghidli li kien inaddaf u jsajjar. Gie li, anzi kemm-il darba, il-konvenut rajtu jahsel il-bankina"*.

- **<u>Dr. Anton Refalo</u>** (fol. 346): kien jaf lill-familja u kkonferma li l-konvenut Francis Muscat kien ighix flimkien mal-genituri tieghu. Ghalkemm kellu l-impjieg tieghu, il-konvenut kien ilehhaq ukoll *"….man-negozju ta' missieru, u max-xoghol tad-dar, u ma kollox, kollox hu"*. Ikkonferma li Carmela Muscat kienet truxa u minn dak li kien jara kienet mara nadifa.

"Ix-xhieda ta' dawn il-persuni xxaqqleb il-mizien fuq in-naha tieghu, fis-sens li fir-realta` hu verament kien jghin lill-genituri tieghu. Wara li l-Qorti qieset din ix-xhieda ma

tistax tabbracca t-tezi tal-atturi li l-konvenut Francis Muscat ma ppresta l-ebda servigi. Lanqas ma tista’ tabbraca t-tezi li kien hemm xi simulazzjoni assoluta fis-sens li l-partijiet qatt ma riedu li jaghmlu dak il-kuntratt u li ghalhekk hu inezistenti. Certament hi differenti l-kwistjoni dwar l-entita` tas-servigi, mehud ukoll in konsiderazzjoni li ghalkemm Carmel Muscat kellha 88 sena meta mietet il-Qorti m’hijiex konvinta li minn meta l-konvenut irritorna lura lejn Ghawdex ommu kienet totalment dipendenti fuqu. Fil-fatt jirrizulta li mietet f’daqqa[8] u li kienet ukoll mara attiva (ara per ezempju xhieda ta’ John Debono (fol. 190)[9] li ddikjara li kienet baqghet tmur il-knisja sa l-ahhar ghalkemm kellha diffikulta` fil-mixi u li kien qiesu ghall-ahhar sena ta’ hajjitha li jiftakarha li marret lura f’sahhitha). Skond il-konvenut Anthony Muscat ommu kienet kienet kapaci ssajjar pero` *“ma kienitx kapaci tixtri”*. Zied jghid (fol. 316):

*““Dott. Carmelo Galea: U la darba kienet ghadha fuq saqajha meta miet missierek, ommok ghamlet xi zmien fis-sodd mbaghad ?”*

*“Xhud: Le, lanqas qatt ma kienet fis-sodda.*

*“Dott. Carmelo Galea: Mietet habta u sabta allura.*

*“Xhud: Kienet il-knisja u marret id-dar u mietet dak il-hin.*

*“Dott. Carmelo Galea: Jigifieri sa l-ahhar gurnata ta’ hajjitha din kienet ghadha tohrog.*

*“Xhud: Tohrog kienet iva. Pero’ l-affarijiet kien jixtrihomlha hu, pinuri, u dawn l-affarijiet hu kien jiehu hsieb. Hu kien jiehu hsiebha. U bih kienet ferhana. U qatt ma hallietu jizzewweg lil dan il-povru bniedem”*.

---

[8] Il-konvenut stess xehed li *“ommi mietet b’attak ta’ qalb. Kienet mietet habta u sabta”* (fol. 83).

[9] *“Huwa minnu kif qed jissuggerili s-Sur Avukat illi appena miet zewgha, l-omm kienet f’sahhitha u kapaci tiehu hsieb lilha nnifisha. U kif diga` accennajt aktar kmieni fix-xhieda tieghi, kien qisu fl-ahhar sena li l-kondizzjoni ta’ sahha taghha ddetterjora”*.

"Fil-kuntratt jinghad li l-valur ta' tmint elef Lira Maltija (Lm8,000) tirreferi ghal *"….diversi servigi, kuri, u assistenzi rezi mill-assenjatarju lill-assenjanti nomine matul dawn l-ahhar snin u ta' dawk li ser jipprestalha sal-gurnata ta' mewtha"* (fol. 13). Sfortunatament ghalkemm din il-kawza ilha dawn is-snin kollha pendenti, ma tressqux provi per ezempju dwar:-

"a. X'kienet ir-raguni li Carmela Muscat ma deheritx personalment fuq il-kuntratt u anzi deher avukat (Dr. Michael Caruana) in forza ta' prokura (fol. 15) li ghandha l-istess data tal-kuntratt.

"b. Kif il-kontraenti waslu biex ghazlu t-tlett proprjetajiet li jissemmew fil-kuntratt;

"c. Kif il-kontraenti waslu sabiex jiffissaw is-somma ta' tmint elef Lira Maltija (Lm8,000) bhala valur ta' servigi. Rajna kif il-kuntratt qieghed jikkontempla wkoll hlas ghal servigi futuri meta allura l-kontraenti ma kienux jafu kemm Carmela Muscat ser tibqa' hajja u meta l-konvenut Francis Muscat kien ilu li rritorna lura lejn Malta ftit snin biss.

"d. Kif waslu l-kontraenti sabiex it-tliet proprjetajiet oggett tal-kuntratt jaghtuhom valur ta' tmint elef Lira Maltija (Lm8,000).

"Mill-atti jirrizulta li l-partijiet kollha rrimettew ruhhom ghar-rapport imhejji mill-perit tekniku Valerio Schembri u minn fejn jirrizulta li hu ghamel stima tal-proprjeta` kollha fl-ammont ta' sbatax-il elf, seba' mija u hamsin Lira Maltija (Lm17,750). Prova li l-Qorti ser tistrieh fuqha ghal dak li hu valur tal-proprjeta` fiz-zmien li sar il-kuntratt. Id-differenza bejn il-valur dikjarat fil-kuntratt u l-istima li ghamel il-perit tekniku ta' kemm jiswew l-immobbli hi ta' disat elef, seba' mija u hamsin Lira Maltija (Lm9,750).

"Bla dubju min ma kienx parti ghall-kuntratt m'ghandux bicca xoghol facli sabiex jaghti prova li hemm simulazzjoni. Fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2008 id-difensur tal-konvenuti iddikjara li *"… l-valuri tal-proprjeta` m'humiex*

*l-uniku element li juri l-eventi sabiex l-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li hemm simulazzjoni….”*. Fil-kawza **Vincenzo Debono v. Nutar Dottor Vincent Gatt nomine** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Gunju 1954 (Vol. XXXVIII.ii.513): *“Kwantu ghall-intenzjoni tal-kontraenti, din tista' tirrizulta mill-fatt innifsu tal-eccess fil-valuri assenjati u tifforma oggett tal-meritu nvolut fil-kawza”*. Hekk ukoll fil-kawza **Joseph Vassallo et v. Carmelo Vassallo et** deciza mill-istess Qorti fit-28 ta' Frar 1985, gie sottolinejat li: *“Hija korretta l-premessa tieghu illi l-fattur rilevanti u spiss determinanti f'kazi simili huwa l-valutazzjoni tal-fond trasferit u kif dan jikkompara mal-prezz attwalment imhallas”*. L-awturi Andrea Torrente u Piero Schlesinger isostnu li ghal finijiet ta' prova ta' simulazzjoni, *“I terzi, invece, godono di ampia liberta' di prova, e possono ricorrere, dunque, anche a testimoni e, soprattutto, presunzioni. Queste ultime sono I mezzi di prova maggiormente utilizzati dai terzi, I quali sottoporranno al giudice gli elementi di fatto dai quali sia possible dedurre la simulazione del contratto (per es. nel caso di vendita immobiliare, I rapporti di parentela o di stretta confidenza tra le parti, il fatto che la vendita e' avvenuta nell'imminenza di un'azione esecutiva dap arte dei creditori dell'alienante, il fatto che l'acquirente non avesse reditti tali di consentirgli di disporre del denaro necessario per l'acquisto, la circostanza che il venditore sia rimasto al abitare nell'immobile venduto, potranno nel complesso convincere il giudice che la vendita e' simulata”* (**Manuale di Diritto Privato, Giuffre' Editore**, 2007, pagna 581-582).

“Il-Qorti hi tal-fehma li meta tqis diversi fatturi, bhal per ezempju:-

“(a) Id-differenza bejn il-valur dikjarat tal-proprjeta` u l-valur reali fiz-zmien tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt. Rajna kif fiz-zmien tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt il-valur tal-proprjeta` kien iktar mid-doppju tal-ammont dikjarat. Ghalkemm hu minnu li l-partijiet ma kienux nies teknici, id-differenza fil-valur m'hijiex zghira. Kif gie involut avukat u jekk l-intenzjoni wara l-kuntratt kienet verament li l-konvenut jithallas il-kreditu, wiehed kien jistenna li qabel

il-pubblikazzjoni tal-kuntratt isiru l-verifiki opportuni bl-ghajnuna ta’ persuna teknika sabiex il-konvenut ma jircevix proprjeta` li kellha valur iktar mill-ammont li seta’ kien dovut lill-konvenut. Ezercizzju li ma jirrizultax, ghallinqas mill-atti processwali, li sar.

“(b) Il-fatt li l-kuntratt sar bejn omm u iben li baqa’ jghix id-dar, wiehed jasal biex jifhem li l-omm riedet b’xi mod tiffavorixxi lill-uniku tifel li kien baqa’ jghix maghha. Jidher ukoll li l-konvenut ma kellux relazzjoni tajba ma’ whud mill-atturi (hekk per ezempju ma’ Rita Carabezz u Peter Paul Muscat) ghaliex inqala’ l-inkwiet wara l-mewt ta’ missierhom (7 ta’ Ottubru 1990);

“(c) Il-valur gholi [tmint elef Lira Maltija (Lm8,000)] attribwit ghas-servigi meta wiehed jiftakar li l-konvenut kien ilu li rritorna lura jghix Malta mill-1987 u l-kuntratt sar fl-1991. Dan iktar u iktar meta wiehed iqis li gie dikjarat li l-hlas qieghed isir biss ghall-ghajnuna li kienet qeghda tinghata lill-omm;

“(d) Il-konvenut Francis Muscat kellu impjieg *full-time*. Ghalkemm isostni li anke dak iz-zmien kien jahdem bix-*shift*, hu x’inhu s-sighat ta’ xoghol tieghu xorta kien jaghmilhom;

“(e) Il-fatt li fil-kuntratt inghad li s-somma ta’ tmint elef Lira Maltija (Lm8,000) kienet qeghda wkoll tkopri hlas ghal dawk li l-konvenut kellu jippresta lill-ommu sad-data tal-mewt taghha, meta ovvjament ma kellhom ebda hjiel meta din il-grajja kienet ser issehh. F’dan ir-rigward kien hemm element qawwi ta’ incertezza ghaliex ghalkemm Carmela Muscat kienet avvanzata fl-eta` meta sar il-kuntratt, hadd ma kien jaf kemm ser tibqa’ tghix jew l-estensjoni ta’ servigi li kienu ser jibqghu jinghataw. Dan apparti l-fatt li l-valur tal-proprjeta` dejjem tiela’;

“(f) Il-fatt li mill-provi l-Qorti m’hijiex konvinta li l-konvenut ippresta servigi b’valur ta’ tmint elef Lira Maltija (Lm8,000). Hu minnu li l-prezunzjoni hi ta’ non gratuwita

u li s-servigi jinghataw bi speranza ta' kumpens[10] kif ukoll li f'dan ir-rigward hemm element qawwi ta' soggettivita`. Min-naha l-ohra l-Qorti hi wkoll sodisfatta li mill-atti jirrizulta li Carmela Muscat ma kienitx totalment dipendenti fuq binha (ghalkemm il-konvenut Francis Muscat xehed li fid-dar kien jaghmel kollox hu), u minkejja l-eta` avvanzata taghha kienet f'sahhitha.
"(g) Il-fatt li Carmela Muscat lanqas biss dehret fuq il-kuntratt u anzi tat prokura lil Dr. Michael Caruana biex jidher ghaliha;

"Jaghtu lill-Qorti x'tifhem li l-kontraenti kienu jafu x'qeghdin jaghmlu fis-sens li fir-realta` dak li kien qieghed isir kien kuntratt mist, li fih jezisti element ta' onerozita` u donazzjoni parzjali. Dan apparti l-fatti li anke ghal dik li hi cifra li tissemma fil-kuntratt bhala hlas ghal servigi, il-Qorti hi tal-fehma li meta tqis id-diversi fatturi li diga` ssemmew f'din is-sentenza (ezempju x-xorta tas-servigi, ir-rapport ta' familjarita` bejn l-omm u binha, iz-zmien li fihom nghatat l-ghajnuna, u l-fatturi l-ohrajn kollha tal-kaz rilevati) tasal ghall-konkluzjoni li l-konvenut Francis Muscat ma haqqux iktar minn hamest elef Lira Maltija (Lm5,000) ghall-ghajnuna li ppresta lill-ommu matul l-ahhar snin ta' hajjitha. Fil-fehma tal-Qorti c-cifra ta' tmint elef Lira Maltija (Lm8,000) giet minfuha fit-tentattiv biex jigi gustifikat it-trasferiment ta' tliet bicciet proprjeta`. M'hemmx dubju li f'dan il-kaz hemm element qawwi ta' soggettivita` in kwantu mhu xejn facli li wiehed jaghti valur ghall-ghajnuna li tkun inghatat. Ghalkemm il-kuntratt jistipula kreditu ta' tmint elef Lira Maltija (Lm8,000) favur il-konvenut Francis Muscat, il-Qorti m'hijiex marbuta b'dak li setghu ftehemu d-*decujus* u binha in kwantu hi tal-fehema li c-cifra hi ezagerata. Kif diga` gie osservat, l-atturi m'humiex jipprocedu bhala eredi ta' ommhom imma *jure proprio*. Il-Qorti bilfors irid ikollha l-awtorita` li tissindika dak li jigi miftiehem ghaliex jekk ikun mod iehor facilment jigu eluzi d-drittijiet taht il-ligi tas-successjoni ta' min qieghed fis-sitwazzjoni tal-atturi. B'analogija wiehed jista' jaghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Busuttil v. Cachia**

[10] Ara f'dan is-sens sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Imhallef Joseph Said Pullicino) fil-kawza **Maria Carmela Abela et v. Paul Camilleri** deciza fil-5 ta' Ottubru 1992.

Zammit deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Frar 1935[11] li kienet tittratta rimunerazzjoni ta' servigi bhala kawza ta' legat. Il-Qorti osservat li dan sar *"mhux ghaliex verament bejn il-konvenut u ommu qatt kien hemm xi idea li huwa jiehu kumpens tas-servigi tieghu, imma biex il-legati jigu possibilment salvati min-nullita` taghhom minnhom billi tigi lilhom moghtija l-kwalifika ta' legati rimuneratorji"*. Fil-kawza **Giuseppe Portelli et v. Maria Preca** (Vol. XXX.ii203) li kien ukoll jitratta legat rimuneratorju ghal servigi, il-Qorti kkummentat li *"L-ezagerazzjoni tal-prelegat tidher cara meta wiehed jikkunsidra kemm jiswa l-assi kollu tal-wirt tad-decujus. Ghaldaqstant dak il-prelegat hu riducibili in kwantu huwa null u ma jghoddx ghal dak li jeccedi l-proporzjoni gusta"*. Il-Qorti ghaddiet biex tirrevedi l-prelegat u llimitatu ghal certu oggetti wara li qieset is-servigi li kienu gew prestati mill-prelegatarja. Wara li l-Qorti regghet ikkunsidrat ir-rapport tal-perit tekniku Valerio Schembri (fol. 465-478) tqis li t-trasferiment tal-fond numru mija u sitta u ghoxrin (126), Triq Xandriku, Nadur, Ghawdex sar b'titolu oneruz filwaqt li l-kumplament tal-proprjeta`[12] nghatat mid-*decujus* b'donazzjoni lil binha l-konvenut Francis Muscat.

"Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-

"1. Tichad l-ewwel (1) u t-tieni (2) eccezzjoni tal-konvenuti.

"2. Tilqa' t-tielet (3), raba' (4) u sitt (6) eccezzjoni u tichad l-ewwel (1) u t-tieni (2) talba tal-atturi. Dwar il-hames (5) eccezzjoni m'hemmx x'jinghad in kwantu gew milqugha t-tielet (3) u raba' (4) eccezzjoni.

"3. Tichad is-seba' (7) u tmien (8) eccezjoni u tilqa' t-tielet (3) u raba' (4) talba tal-atturi pero` fis-sens li ser jinghad:-

[11] Saret riferenza ghaliha fil-kawza fl-ismijiet **Giuseppe Pirotta et v. Maria Preca** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Jannar 1939 (Vol. XXX.ii.203).
[12] Art fi Triq Xandriku, Nadur, Ghawdex tal-kejl ta' cirka mitejn metri kwadri (200 m.k) u porzjon raba msejha Tal-Bir, fi Triq Hanaq, Sqaq numru wiehed (1), Nadur, Ghawdex tal-kejl ta' cirka mitejn wiehed u sittin metri kwadri (261 m.k).

"(a) Il-kuntratt ta' *datio in solutum* li gie ppubblikat fl-10 ta' Lulju 1991 fl-atti tan-nutar Dr. Paul George Pisani hu simulat in kwantu ma fihx biss element ta' onerozita` imma fih ukoll donazzjoni parzjali;

"(b) Il-kuntratt pubblikat fl-10 ta' Lulju 1991 fl-atti tan-Nutar Dr. Paul George Pisani hu oneruz fir-rigward tal-fond numru mija u sitta u ghoxrin (126), Triq Xandriku, Nadur, Ghawdex, filwaqt li jimplika donazzjoni fir-rigward tal-art fi Triq Xandriku, Nadur, Ghawdex tal-kejl ta' cirka mitejn metri kwadri (200 m.k) u l-porzjon raba msejha Tal-Bir, fi Triq Hanaq, Sqaq numru wiehed (1), Nadur, Ghawdex tal-kejl ta' cirka mitejn wiehed u sittin metri kwadri (261 m.k).

"4. Dwar l-eccezzjonijiet numru disgha (9) sa hdax (11) m'hemmx iktar x'jinghad in kwantu dawn jinsabu komprizi f'dak li diga` gie deciz.

"Spejjez tal-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti huma a karigu taghhom, spejjez tal-ewwel zewg talbiet huma a karigu tal-atturi u kif inhuma l-ispejjez tat-tielet (3), raba' (4) u sitt (6) eccezzjoni filwaqt li l-ispejjez tat-tielet (3) u raba' (4) talba ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet in kwantu permezz taghhom l-atturi kienu qeghdin isostnu li l-kuntratt kien validu biss bhala donazzjoni filwaqt li l-konvenuti kienu qeghdin jikkontestaw li kien hemm xi simulazzjoni.

"Spejjez tas-seduti li saru quddiem l-Assistent Gudizzjarju tat-30 ta' Gunju 2004 (fol. 204), 8 ta' Ottubru 2004 (fol. 206), 26 ta' Novembru 2004 (fol. 211), 6 ta' Lulju 2005 (fol. 279), 26 ta' Ottubru 2005 (fol. 300), 14 ta' Marzu 2006 (fol. 321), 19 ta' Mejju 2006 (fol. 338) huma a karigu tal-konvenuti."

**Rikors tal-appell tal-konvenuti**

Il-konvenuti hassew ruhhom aggravati bis-sentenza tal-ewwel Qorti u interponew appell minnha.  L-aggravji taghhom huma in succint dawn:

(1) L-appellanti jissottomettu li huwa car anke mid-decizjoni tal-ewwel Qorti li Francis Muscat kien irrenda servigi, kura u assistenza lil ommu Carmela Muscat sad-data tal-mewt taghha. Is-servigi gew ivvalutati fl-ammont ta' Lm8,000, kif jidher mill-kuntratt. L-ewwel Qorti, irrivalutat is-servigi fl-ammont ta' Lm5,000 minghajr ma spjegat kif waslet ghal dan l-ammont, b'mod specjali jekk kienitx qed tikkalkola s-servigi rezi sad-data tal-kuntratt jew sad-data tal-mewt. Di piu` jargumentaw li la darba kien hemm qbil bejn il-kontraenti fuq il-valur tas-servigi, ma kienx jispetta lill-Qorti tindahal u taghti valur lis-servigi. Jinsistu li l-valur dikjarat mill-kontraenti fil-kuntratt ta' *datio in solutum* kellu jkun il-valur li jipprevali, u li l-istess kontraenti tassew emmnu li kien il-valur tas-servigi rezi u mhux xi valur iehor li seta' jigi rivedut mill-Qorti.

(2) Fit-tieni lok, l-appellanti jargumentaw li l-fatt li l-perit tekniku ghamel stima tal-fondi moghtijin b'*datio in solutum* fl-ammont ta' Lm17,000 bl-ebda mod ma jfisser li bejn il-kontraenti fil-kuntratt tal-1991 fl-atti tan-nutar Dr. Paul George Pisani, kien hemm donazzjoni in parti li kienet qeghda tinheba. Ikomplu jghidu li l-omm riedet tikkumpensa lil binha ta' dak li kien qed jaghmel maghha u l-kuntratt ghandu jibqa' meqjus bhala wiehed legalment validu ta' titolu oneruz.

(3) L-appellanti jirrilevaw ukoll li l-ewwel Qorti ma setghetx tasal ghall-konkluzjoni li kuntratt simili seta' kien wiehed in parti gratuwitu u in parti oneruz. Jargumentaw li kuntratt jew huwa simulat jew ma jkunx, u jirreferu ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Settembru 2007 fl-ismijiet **Mary Rose Vella et v. Michael Vella et**.

(4) F'kaz li din il-Qorti tirrigetta t-tliet aggravji precedenti, l-appellanti jressqu dan ir-raba' aggravju – li permezz tieghu huma jilmentaw mill-valutazzjoni li tat l-ewwel Qorti fis-sens li meta hija giet biex tapprezza l-valuri u l-provi stabbiliti mill-perit hija naqset milli

tapprezza l-fatt li skond il-kuntratt tal-1991 fuq dan il-fond gie riservat a favur tal-assenjanti d-dritt ta' uzu u ta' abitazzjoni gratuwitu ghal hajjitha kollha – element li jnaqqas il-valur tal-fond. L-appellanti mhux qed jikkontestaw l-istima tal-perit izda jaccennaw ghall-fatt li l-istima hija ta' fond liberu u frank u mhux mghobbi bil-piz ta' dritt u uzu ta' abitazzjoni kif jistabbilixxi l-kuntratt. Huma jargumentaw li anke kieku wiehed kellu jaccetta t-tezi tal-ewwel Qorti u jaccetta li l-pagament kellu jkun ta' Lm5,000, tali pagament ma kienx se jigi sodisfatt bit-trasferiment biss tal-fond 126, Triq Xandriku, Nadur, peress li l-valur ta' tali fond hu mnaqqas bid-dritt ta' uzu u abitazzjoni.

(5) L-appellanti jissottomettu finalment li l-ammont likwidat ta' Lm5,000 huwa wiehed ridikolu meta wiehed iqis is-snin shah li l-appellant Francis Muscat rrenda servigi, kura u assistenza lil ommu.

**Risposta tal-appell tal-atturi Peter Paul Muscat f'ismu u bhala mandatarju ta' ohtu l-imsiefra Evelyn Mowatt, David Muscat, Frances Muscat, Maryanne Muscat, Emanuela maghrufa bhala Liliana Micallef, Rita Carabez**

(1) Dwar l-ewwel aggravju, l-appellati jissottomettu li t-tezi tal-appellanti (li ladarba kien hemm qbil bejn il-kontraenti fir-rigward tal-valur tas-servigi ma kienx jispetta lill-Qorti illi tindahal u taghti valur lis-servigi) mhux biss hija wahda infondata, imma anke perikoluza ghall-ahhar. Jargumentaw li l-Qorti kellha mhux biss id-dritt imma anke l-obbligu li tara jekk il-valur attribwit mill-kontraenti fuq il-kuntratt tal-1991 kienx wiehed gust jew le, u li tiskarta d-dikjarazzjoni fuq il-kuntratt sabiex tfittex il-verita`.

(2) L-appellati jsostnu li t-tieni aggravju huwa daqstant iehor infondat. Ma jistghux jifhmu kif l-appellanti jistghu isostnu li minkejja li gie dikjarat li l-valur tal-proprjetajiet kien biss ta' Lm8,000, u minkejja li hemm qbil li l-valur massimu tas-servigi rezi minn Francis Muscat lil ommu kien ta' Lm8,000, u minkejja li mill-istima tal-perit tekniku jirrizulta li l-valur tal-proprjetajiet trasferiti minn Carmela

Muscat lil binha kien almenu d-doppju ta’ dak dikjarat, xorta l-kuntratt ghandu jitqies bhala wiehed oneruz fit-totalita` tieghu.

(3) L-appellati jissottomettu li t-tielet aggravju tal-appellanti huwa bbazat fuq dak li kellha x’tghid l-ewwel Qorti fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Vella v. Vella**. L-appellati huma tal-fehma li l-appellanti naqsu milli jifhmu korrettement dak li kienet qeghda tghid l-ewwel Qorti, li waslet ghall-konkluzjoni korretta li ma hemm xejn x’jostakola l-possibilita` ta’ kuntratt li fid-dehra jkun oneruz izda fil-verita` jkun qed jimmaskera negozju in parti oneruz u in parti gratuwitu.

(4) L-appellati jqisu r-raba’ aggravju bhala wiehed frivolu. Jargumentaw li l-perit tekniku vvaluta l-fondi trasferiti bhala liberi u franki ghaliex fil-fatt huma liberi u franki. Il-fakolta` li l-omm tibqa’ tabita fil-fond 126, Triq Xandriku, Nadur, kienet biss fakolta` personali li ma tohloq l-ebda aggravju fuq il-proprjeta` trasferita.

(5) Dwar il-hames aggravju l-appellati jirreferu ghal dawk li ghandhom xi jghidu fl-appell incidentali taghhom fuq l-entita` tas-servigi allegatament rezi minn Francis Muscat, dwar il-fatt li kien diga` thallas adegwatament, u s-sottomissjoni taghhom li Francis Muscat effettivament ma kienx haqqu jithallas xejn izjed dakinhar li gie ppubblikat il-kuntratt impunjat.

**Appell incidentali tal-appellati**

(1) Fl-ewwel lok, l-appellati qed jappellaw minn dak il-kap tas-sentenza fejn gie dikjarat li r-raba fi Triq Xandriku, Nadur, ta’ kejl ta’ cirka siegh, kienet proprjeta` parafernali u ma kienitx tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejnha u bejn zewgha. Huma jissottomettu li ladarba l-legat imholli lilha sar bl-obbligu li tibqa’ tirrendi servigi lit-testaturi (genituri taghha) sal-mewt, il-legat huwa wiehed rimuneratorju u ghalhekk dak kollu li ggwadanjat Carmela Muscat bil-fatt li kienet qeghda tirrendi is-servizzi lill-genituri taghha, jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejnha u bejn zewgha. Ghalhekk l-appellati jargumentaw li

l-aljenazzjoni ta’ Carmela Muscat tan-nofs indiviz mill-fond spettanti lill-assi ereditarji tal-mejjet zewgha, kien trasferiment “*a non domino*” u kwindi null. Minhabba f’hekk jinsistu li dik il-parti mill-ewwel talba taghhom relatata ma’ din ir-raba kellha tigi milqugha.

(2) L-appellati jissottomettu li anke dik il-parti mill-ewwel talba relatata mal-fatt li l-valur tal-immobbli trasferit kien ferm iktar minn dak dikjarat fuq il-kuntratt innifsu, kienet timmerita li tigi milqugha. Jaccennaw ghall-fatt li l-ewwel Qorti stess irrikonoxxiet li l-valur attribwit lill-immobbli trasferiti kien oghla minn dak dikjarat fuq il-kuntratt. Jargumentaw li n-negozju guridiku esegwit kien wiehed kompjut bi frodi tal-aspettattivi u drittijiet legittimi tal-persuni l-ohra kjamati ghall-wirt. L-appellati jhossu li anke l-parti mill-ewwel talba proposta fuq din il-lanjanza ghandha tigi akkolta u sussegwentement kellha tigi akkolta wkoll it-tieni talba.

(3) L-appellati qeghdin jestendu s-sottomissjonijiet taghhom sussidjarjament anke ghar-rigward tat-tielet talba u r-raba’ talba taghhom. It-tielet aggravju jirrigwarda l-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti fis-sens li Francis Muscat irrenda servigi, kura u assistenza lil ommu u haqqu jigi kkumpensat billi jzomm il-fond 126, Triq Xandriku, Nadur. Huma jissottomettu li dan qajla kien jippresta servigi lil ommu. Anzi fil-fehma taghhom huwa ma kien haqqu l-ebda kumpens u ghalhekk il-kuntratt impunjat ghandu jigi dikjarat simulat fl-intier tieghu u l-fond ghandu jiddahhal lura fl-assi ereditarji t’ommu. Jinsistu li t-tielet u r-raba’ talba ghandhom jigu milqugha.

(4) Ir-raba’ aggravju huwa ppernjat fuq l-ewwel tliet aggravji: jekk dawn it-tliet aggravji jigu milqugha, l-appellati jinsistu li l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu akkollati esklussivament lill-konvenuti u li huma ghandhom jinhelsu minn kull ordni sabiex jikkontribwixxu b’xi mod u f’xi kwota ghall-ispejjez gudizzjarji.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-appellati qeghdin jitlobu lil din il-Qorti sabiex:

(1) Tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu cahdet l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti, tirrevokaha in kwantu laqghet it-tielet u r-raba’ eccezzjoni sollevata mill-konvenuti u in kwantu cahdet l-ewwel u t-tieni talba tal-atturi u minflok tichad it-tielet u r-raba’ eccezzjoni, u tilqa’ l-ewwel u t-tieni talba bl-ispejjez kontra l-konvenuti appellanti.

(2) In linea sussidjarja f’kaz li ma jigux milqugha t-talbiet kontenuti fil-paragrafi precedenti, tirriforma s-sentenza appellata billi tirriforma dik il-parti tas-sentenza skond liema t-tielet u r-raba’ talba tal-genituri giet milqugha parzjalment (billi l-fond 126, Triq Xandriku, Nadur gie dikjarat li gie regolarment trasferit lil Francis Muscat) u minflok tilqa’ dawn it-talbiet fl-intier taghhom billi tiddikjara li l-kuntratt ippubblikat fl-10 ta’ Lulju 1991 kien simulat fl-intier tieghu.

(3) Fi kwalunkwe kaz tichad l-appell interpost mill-konvenuti fl-intier tieghu bl-ispejjez tal-appell a karigu tal-konvenuti.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti.

**Risposta tal-appellanti Francis u Anthony Muscat ghall-appell incidentali tal-atturi Peter Paul Muscat et**

(1) Dwar l-ewwel aggravju tal-appellati, l-appellanti jissottomettu li dan m’ghandux jigi akkolt stante li huwa bbazat fuq fondament legali zbaljat u l-ewwel Qorti kienet korretta meta cahdet it-talbiet kwantu jinkwadraw din il-kwistjoni. Biex isahhu t-tezi taghhom li legat remuneratorju ghal servigi ma jifformax parti mill-komunjoni tal-akkwisti huma jirreferu ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza **Carmelo Sant v. Carmen mart Gerolamo Deguara et** deciza fil-21 ta’ Gunju 1991.

(2) L-appellanti wkoll jissottomettu li t-tieni aggravju huwa infondat. Jargumentaw li Carmela Muscat kellha kull dritt li taghti l-proprjeta` taghha b’donazzjoni lil min riedet u dawn l-azzjonijiet fuq hwejjigha bl-ebda mod ma jimpurtaw xi nullita` ta’ dak li ghamlet. Kwantu qed tintalab

in-nullita` fuq il-bazi li t-trasferiment sar unikament biex “jiddefrawda” d-drittijiet tal-atturi u kull min jiret lil Carmela Muscat, l-appellanti jissottomettu li din it-talba ma tistax tregi ghaliex il-werriet m’ghandu l-ebda drittijiet simili biex jimpunja dak li jkun ghamel il-predecessur tieghu fit-titolu. Ghalhekk, isostnu l-appellanti, li kienet korretta l-ewwel Qorti meta cahdet l-ewwel talba tal-atturi u kienet korretta wkoll meta cahdet it-tieni talba. Dwar l-ahhar parti tat-tieni aggravju fejn gie estiz ghat-tielet u r-raba’ talbiet, l-appellanti jirreferu ghal dak minnhom sottomess fin-nota ta’ osservazzjonijiet li huma pprezentaw quddiem l-ewwel Qorti.

(3) Dwar it-tielet aggravju fejn l-appellati jinsistu li mhux minnu li Francis Muscat kien jirrendi servigi, kura u assistenza lil ommu, l-appellanti jirreferu ghax-xhieda tal-istess Francis Muscat u jsostnu li hija korroborata mix-xhieda ta’ diversi persuni ohra.

Fir-rigward tal-ispejjez, l-appellanti jinsistu li l-appellati ghandhom ikunu tenuti jhallsu l-ispejjez kollha taz-zewg istanzi.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-appellanti jissottomettu li l-appell incidentali ghandu jigi rigettat u ghandhom jintlaqghu l-argumenti kollha taghhom kif kontenuti fir-risposta, u wara li tilqa’ l-appell propost minnhom tichad it-talbiet attrici kollha bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tal-appellati.

**<u>Kunsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti</u>**

<u>Dwar l-ewwel aggravju</u>:

L-appellanti jargumentaw li ladarba kien hemm qbil bejn Carmela Muscat u binha Francis Muscat fuq il-valur tas-servigi, l-ewwel Qorti ma kellhiex tindahal u taghmel rivalutazzjoni. Di piu` jilmentaw mill-fatt li hija rrivalutat is-servigi minghajr ma spjegat kif waslet ghal dan l-ammont u wkoll minghajr ma specifikat jekk kienitx qed tikkalkulahom sad-data tal-kuntratt jew sad-data tal-mewt.

Fil-kuntratt tal-10 ta' Lulju 1991 gie dikjarat li l-valur tal-proprjetajiet li Carmela Muscat kienet qeghda tassenja lil binha Francis Muscat huwa ta' Lm8000, u li tali somma kienet qed tigi pacuta ma' "*somma ugwali*" dovuta mill-istess Carmela Muscat lil Francis Muscat ghal servigi diga` rezi minnu u ghal dawk li ser jipprestalha sal-mewt taghha, jigifieri ghal servigi rezi minnu fil-passat u servigi li kellhom jigu rezi minnu fil-futur.

L-ewwel Qorti fit-tfittxija taghha sabiex tistabbilixxi jekk dan il-kuntratt hux fil-fatt wiehed simulat jew le ghall-finijiet tat-tielet talba, wara li ghamlet ezami approfondit u kkunsidrat diversi fatturi[13] waslet ghall-konkluzjoni li ghalkemm il-kuntratt huwa fid-dehra wiehed oneruz, fil-verita` kien kuntratt mist, li fih jezistu kemm element ta' onerozita` u kemm ukoll donazzjoni parzjali. Dehrilha li sabiex it-trasferiment tat-tliet bicciet proprjeta` lil Francis Muscat tidher gustifikata, il-valur tal-istess proprjeta` tnaqqset sostanzjalment, filwaqt li s-servigi nghataw valur konsiderevolment gholi.

L-ewwel Qorti spjegat li ghalkemm il-kuntratt jistipula kreditu ta' Lm8000 favur Francis Muscat, hija m'hijiex marbuta b'dak li setghu ftehmu Carmela Muscat u binha "*in kwantu hi tal-fehma li c-cifra hi esagerata*". Fil-fatt, li l-Qorti "tindahal" u taghti rivalutazzjoni lis-servigi kienet haga necessarja in kwantu wara li kkonkludiet li l-kuntratt kien parzjalment simulat, hija kellha imbaghad tistabbilixxi fir-rigward ta' liema proprjeta` l-kuntratt kien reali u fir-rigward ta' liema proprjeta` kien simulat u qed jahbi donazzjoni.

L-appellanti jilmentaw li l-ewwel Qorti ma spjegatx kif waslet ghall-ammont ta' Lm5000. In effetti il-Qorti spjegat ir-ragunijiet ghaliex dehrilha li Lm8000 kienu eccessivi. Hija kellha ghalhekk tistabbilixxi ammont inqas minn hekk u dehrilha li l-ammont ta' Lm5000 kien iktar xieraq. Spjegat li wara li qieset diversi fatturi (bhal per ezempju x-xorta ta' servigi, ir-rapport ta' familjarita` bejn l-omm u l-iben, iz-zmien li fihom inghatat l-ghajnuna) kienet tal-

[13] Ara l-fatturi elenkati mill-ewwel Qorti u indikati (a) sa (g)

fehma li Francis Muscat ma haqqux iktar minn Lm5000 ghall-ghajnuna li ppresta lil ommu "*matul l-ahhar snin ta' hajjitha*".

Kuntrarjament ghal dak li qeghdin jilmentaw dwaru l-appellanti, u cioe` li l-ewwel Qorti ma spjegatx jekk kienitx qed tikkalkula l-ammont ta' Lm5000 sad-data tal-kuntratt jew sad-data tal-mewt ta' Carmela Muscat, jirrizulta li l-ewwel Qorti kienet cara fuq dan il-punt. Hija dehrilha li ghal disa' snin ta' servigi, (minn meta rritorna lura Malta fl-1987 sakemm mietet ommu fl-1996), kien aktar adegwat li Francis Muscat jiehu l-fond biss, u mhux il-fond u z-zewg bicciet art.

Wara li l-ewwel Qorti kkunsidrat ir-rapport tal-perit tekniku Valerio Schembri, hija qieset li t-trasferiment tal-fond numru 126, Triq Xandriku, Nadur, sar b'titolu oneruz filwaqt li l-kumplament tal-proprjeta` nghatat mid-*decujus* b'donazzjoni. Din il-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kif spjegati *supra* ma tarax li ghandha tiddisturba din id-decizjoni (ara ukoll f'dan ir-rigward l-osservazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar il-hames aggravju).

<u>Dwar it-tieni aggravju</u>

L-appellanti jargumentaw li minkejja li l-perit tekniku ghamel stima tal-fondi assenjati lil Francis Muscat bil-kuntratt tal-1991 fl-ammont ta' Lm17,750 (jigifieri Lm9,750 iktar minn dak imnizzel fil-kuntratt bhala l-valur tal-proprjetajiet) bl-ebda mod ma jfisser li bejn il-kontraenti kien hemm donazzjoni in parti li kienet qeghda tinheba, u jinsistu li l-kuntratt ghandu jibqa' meqjus bhala wiehed legalment validu ta' titolu oneruz.

Il-valur reali tal-proprjeta` fiz-zmien li sar il-kuntratt (Lm17,750) kien <u>iktar mid-doppju</u> ta' dak li effettivament gie dikjarat fuq il-kuntratt (Lm8000). Kif osservat l-ewwel Qorti, ghalkemm il-kontraenti ma kienux xi nies teknici, id-differenza fil-valur mhix wahda minima. Id-diskrepanza hija wisq esagerata. U dan il-fatt flimkien mal-fatt li tenut kont tac-cirkostanzi kollha c-cifra ta' Lm8000 bhala valur ta' servigi kienet ukoll esagerata ikompli jikkonferma l-fatt

li l-kuntratt ma kienx wiehed totalment oneruz, izda li kien hemm element sostanzjali ta' gratuwita`.

Din il-Qorti tikkondividi l-fehma espressa mill-ewwel Qorti taht dan l-aspett.

Dwar it-tielet aggravju

L-appellanti jirrilevaw li l-ewwel Qorti ma setghet qatt tasal ghall-konkluzjoni li kuntratt simili seta' kien wiehed in parti gratuwitu u in parti oneruz. Jinsistu li kuntratt huwa jew simulat jew mhux simulat u jirreferu ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Settembru 2007 fl-ismijiet **Mary Rose Vella et v. Michael Vella et** biex jissostanzjaw it-tezi taghhom[14]. Fil-fatt l-istess appellanti kienu diga`, permezz ta' nota, ipprezentaw kopja ta' din is-sentenza quddiem l-ewwel Qorti. L-ewwel Qorti kkunsidrat dan il-punt metikolozament. Hija spjegat li meta l-Qorti tal-Appell irriteniet li kuntratt jew hu simulat jew m'huwiex, kienet qed issostni l-argument taghha permezz ta' riferenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fil-kawza **Michele Mifsud v. Giorgia Mifsud et** deciza fl-10 ta' Novembru 1961 fejn inghad li l-azzjoni ta' simulazzjoni hija indivizibbli u r-rizultat taghha hu l-annullament fl-intier tieghu tan-negozju guridiku simulat. L-ewwel Qorti fil-kawza odjerna pero` kompliet tispjega li fil-kawza **Mifsud v. Mifsud** il-Qorti kienet ibbazat ruhha fuq estratt mill-ktieb ta' Prof Antonio Butera **"<u>Della Simulazione dei Negozi Giuridici</u>"** (1936) izda dan l-istess awtur, fil-paragrafu ta' wara dak citat, isostni li meta jkollok negozju mist fejn parti tkun oneruza u parti tkun gratuwita, "*Taluni, muovendo dal principio che l'azione di simulazione e` indivisibile, ritengono che e` destinato a cader tutto nel nulla, in base al noto dettame: <u>bonum ex integra causa, malum ex quocumquid defectu</u>. Tale soluzione non e` attendibile. In base al principio che <u>utile per inutile non vitiatur</u>, nel <u>negotium mixtum cum donatione</u> si deve*

---

[14] F'din il-kawza kienet saret talba biex il-Qorti tiddikjara li kuntratt ta' *datio in solutum* kien sostanzjalment donazzjoni simulata taht apparenza ta' trasferiment oneruz. L-ewwel Qorti kienet laqghet it-talba u ddikjarat li l-kuntratt kien parti datio in solutum ghas-servizzi rezi u parti donazzjoni simulata safejn jeccedi l-ammont dikjarat fuq l-istess kuntratt. Fl-istadju tal-appell is-sentenza giet revokata u l-Qorti tal-Appell irriteniet li kuntratt jew hu simulat jew m'huwiex.

*sceverare la parte di prestazione, rispondente alla controprestazione, dall'eventuale eccedenza, che non ha corrispettivo….".*

Jidher ghalhekk l-ewwel Qorti qaghdet fuq dan l-insenjament li jista' jkollok sitwazzjoni fejn kuntratt ma jkunx ghal kollox oneruz in kwantu jista' jkun in parti gratuwitu. L-istess Qorti ghamlet diversi riferenzi ghal decizjonijiet li fihom gie kkunsidrat il-kuncett tan-negozju mist, bhal per ezempju l-kawza fl-ismijiet **Vincenzo Debono v. nutar Dr Vincent Gatt nomine** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Gunju 1954 fejn gie ritenut li f'kaz li jsir trasferiment ta' beni immobbli taht titolu apparenti ta' hlas bhala korrispettiv ta' servigi jew ta' kostituzzjoni ta' vitalizju oneruz, u jirrizulta li jkun hemm eccess tal-valur tal-beni assenjati fuq il-valur tal-kumpens dovut ghal dawk is-servigi jew tal-vitalizju, dak l-eccess jammonta ghal donazzjoni; l-isproporzjon ma jgibx in-nullita` tal-kuntratt imma jkun hemm kuntratt mist bl-element ta' onerozita` u ta' liberalita`, u jkun in parti donazzjoni. Din il-Qorti hija tal-fehma li b'dak li gie ritenut mill-ewwel Qorti ma hemm xejn legalment zbaljat.

Kif sewwa wiegbu l-appellati, l-appellanti jidhru li ma fehmux dak li kienet qeghda tispjega l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha.

<u>Dwar ir-raba' aggravju</u>

L-appellanti jilmentaw li l-ewwel Qorti ma apprezzatx il-fatt li skond il-kuntratt tal-10 ta' Lulju 1991, fuq dan il-fond 126, Triq Xandriku, Nadur, gie riservat a favur tal-assenjanti Carmela Muscat id-dritt tal-uzu u ta' abitazzjoni. Jargumentaw li l-istima li ghamel il-perit kienet wahda ta' fond liberu u frank u mhux mghobbi bil-piz ta' dritt ta' uzu u abitazzjoni u ghalhekk l-ammont ta' Lm5000 li stabbiliet l-ewwel Qorti ma kienx se jigi sodisfatt bit-trasferiment tal-fond 126, Triq Xandriku, Nadur, peress li d-dritt ta' abitazzjoni jnaqqas il-valur tal-istess fond u ghalhekk bil-fors li kellha tigi aggunta mieghu proprjeta` ohra sabiex jigi hekk likwidat l-ammont ta' Lm5,000.

Fl-ewwel lok, kif tajjeb irrispondew l-appellati, din ir-riserva li l-omm tibqa’ tabita fil-post kienet biss fakolta` personali li ma tohloq l-ebda aggravju reali fuq il-proprjeta` trasferita. Di piu` wiehed ma jridx jinsa li l-proprjeta` kienet qeghda tigi assenjata lil Francis Muscat bhala hlas ghal servigi diga` rezi u wkoll ghal servigi futuri – cioe` Francis Muscat kien qieghed jithallas ta’ servigi li rrenda, kif ukoll ta’ servigi li kien ghadu ma rrendiex - “*ta dawk li ser jipprestalha sal-gurnata tal-mewt*”. L-assenjazzjoni tal-proprjeta` hija marbuta ma’ obbligu da parti ta’ Francis Muscat li jiehu hsiebha sad-data tal-mewt taghha. Issa f’dik id-data meta jispicca l-obbligu ta’ Francis Muscat li jippresta servigi lil ommu, jispicca wkoll id-dritt tal-uzu u abitazzjoni riservat favur l-omm, u l-proprjeta` mhux biss tkun vakanti izda tkun ukoll apprezzat fil-valur, minhabba t-trapass taz-zmien.

Dwar il-hames aggravju

L-appellanti jargumentaw li anke kieku wiehed kellu jaddotta r-ragonament tal-ewwel Qorti sabiex jiddeciedi dan il-kaz, l-ammont likwidat ghall-hlas tas-servigi ta’ Lm5000 huwa wiehed ridikolu meta wiehed iqis is-snin shah li Francis Muscat ghamel idur b’ommu.

Fl-istess waqt pero` hemm ukoll numru ta’ konsiderazzjonijiet bhal, per ezempju:

- li l-istess Francis Muscat kien impjegat fuq bazi *full-time* mal-Gozo Channel,

- li kien guvni u minghajr mara u tfal u ghalhekk meta kien ikun ix-xoghol ommu kienet tkun wahedha,

- il-fatt li Carmela Muscat kienet ommu u mhux xi persuna barranija;

- li l-maggor parti tal-facendi/xirjiet/xoghol ta’ manutenzjoni kien jaghmilhom mhux biss ghal ommu izda ghalih ukoll, peress li kien joqghod f’dar ommu u mhux f’dar ghalih;

- li Carmela Muscat ma kienitx totalment dipendenti fuqu u li minkejja l-eta` avvanzata taghha kienet b'sahhitha u ma kellhiex bzonn assistenza personali u kontinwa;

Dawn il-konsiderazzjonijiet juru li l-ammont li gie likwidat mill-Qorti m'huwiex daqstant "ridikolu" kif sottomess mill-appellanti. Din il-Qorti ma thossx ghalhekk li hemm lok li tiddisturba dak li gie assenjat mill-ewwel Qorti fid-diskrezzjoni taghha billi dan huwa sostanzjalment gust. Bhall-Qorti tal-ewwel grad hi tal-fehma li bl-assenjazzjoni tal-fond 126, Triq Xandriku, Nadur, l-appellant Francis Muscat ikun qieghed jigi kkumpensat adegwatament ghas-servigi li rrenda lil ommu.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti hija tal-fehma li l-appell interpost mill-konvenuti huwa infondat u ma jimmeritax li jigi milqugh.

**L-Appell Incidentali tal-appellati**

Dwar l-ewwel aggravju tal-appellati:

L-appellati jissottomettu li r-raba fi Triq Xandriku, Nadur, ta' cirka siegh tmiss Tramuntana mat-triq, Nofsinhar ma' beni ta' Michele Camilleri, u Lvant ma' entrata u ma' beni ta' Antonio Buttigieg u ohrajn ma kienitx proprjeta` parafernali ta' Carmela Muscat izda kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn Carmela Muscat u zewgha Giuseppe. Dan qeghdin jghiduh peress li din ir-raba thalliet lil Carmela b'titolu ta' legat bl-obbligu li hija tibqa' tirrendi servizzi lill-genituri taghha sal-gurnata tal-mewt taghhom. Huma jissottomettu li l-aljenazzjoni da parti ta' Carmela Muscat tan-nofs indiviz minn dan ir-raba, kien trasferiment "*a non domino*" u kwindi null. Minhabba f'hekk jinsistu li dik il-parti mill-ewwel talba taghhom relatata ma' din ir-raba kellha tigi milqughha.

Fil-fehma ta' din il-Qorti huwa inutili li tezamina dan il-punt peress li kif diga` gie spjegat *supra* hija taqbel mad-decizjoni tal-ewwel Qorti li l-kuntratt tal-1991 ghandu jkun ikkunsidrat bhala oneruz biss fir-rigward tal-fond 126, Triq

Xandriku, Nadur. Fir-rigward tal-art fi Triq Xandriku, Nadur, u l-porzjon raba msejha Tal-Bir, fi Triq Hanaq, Sqaq Nru 1, Nadur, gie deciz li l-kuntratt jimplika donazzjoni u ghalhekk huwa meqjus bhala simulat u allura jsegwi li l-bicca art u raba mhux ser johorgu mill-assi ereditarji.

Dwar it-tieni aggravju

Il-lanjanza tal-appellati f'dan l-aggravju hi li proprjeta` li kienet tifforma l-maggor parti mill-assi ereditarji ta' genitur qeghda tinhareg 'il barra mill-assi ereditarji ta' dak il-genitur a beneficcju ta' wiehed minn fost il-persuni eventwalment kjamati ghall-wirt ta' dak il-genitur u bi pregudizzju lampanti fil-konfront tal-kjamati l-ohra. F'dan is-sens jargumentaw li n-negozju guridiku kien wiehed kompjut bi frodi tal-aspettattivi u drittijiet legittimi tal-persuni l-ohra kjamati ghall-wirt.
Din il-Qorti taqbel mal-appellanti in kwantu jargumentaw illi werriet m'ghandu l-ebda drittijiet simili biex jimpunja dak li jkun ghamel il-predecessur fit-titolu tieghu, hlief ghall-finijiet tal-legittima, izda kif osservaw l-istess appellanti, hawnhekk ma jidhirx li l-appellati qeghdin jagixxu bhala legittimarji.

Kif spjegat l-ewwel Qorti, wiehed jifhem li l-omm riedet tiffavorixxi l-uniku tifel li baqa' jghix maghha u riedet tittrasferilu tliet bicciet proprjeta`. Dan setghet ghamlitu permezz ta' testment. Gara li l-mod li bih ghazlet li taghmel dan kien permezz ta' *datio in solutum* fejn hija ttrasferietlu tliet bicciet proprjeta` bhala hlas ghas-servigi li rrendielha u li kellu jibqa' jirrendilha. Il-fatt li l-valur tas-servigi gie indikat bhala wiehed pjuttost esagerat, u l-fatt li l-valur tal-proprjetajiet gie indikat bhala wiehed wisq baxx, indikaw li kien hemm simulazzjoni parzjali fis-sens li d-donazzjoni kienet se tizboq il-valur tal-kreditu dovut lil Francis Muscat ghas-servigi li huwa ghamel. It-trasferimenti relattivi ghal dik il-parti tas-simulazzjoni ovvjament qeghdin jergghu jitqeghdu fl-assi ereditarji.

Dwar it-tielet aggravju

L-appellati qeghdin jallegaw li fil-verita` Francis Muscat qajla kien jippresta xi servigi lil ommu u li anke jekk kien jippresta xi servigi simili huwa kien diga` qieghed jigi kkumpensat mill-omm matul hajjitha peress li kellu l-introjtu u l-flus ta’ ommu taht il-kontroll tieghu. Di piu`, huwa kellu impieg *full-time*, kien guvni u ghalhekk fejn ma kienx ilahhaq hu, ix-xoghol ma kien jaghmlu hadd.

L-atturi fix-xhieda taghhom jghidu li ma jistghux jifhmu ghaliex Francis Muscat inghata l-kumpens minghand ommu meta skond huma qatt ma kien irrendilha servigi. Il-verzjoni tax-xhieda li ressaq l-istess Francis Muscat pero` hija wahda ferm differenti. Fil-fatt a skans ta’ repetizzjoni din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sitt paragrafu tas-sentenza appellata fejn il-Qorti tal-ewwel grad ghamlet diversi riferenzi ghal xhieda (mhux familjari) li kollha jikkonfermaw li Francis Muscat kien verament jiehu hsieb ommu u jghinha fid-dar.

Dwar l-allegazzjoni tal-appellati li Francis Muscat kellu kontroll fuq il-flus ta’ ommu u li zamm kull beneficcju li kienet iddahhal ghalih innifsu, din il-Qorti tirrileva li anke jekk Francis Muscat kellu f’idejh l-amministrazzjoni tal-introjtu ta’ ommu, huwa kellu b’xi mod jigi rimborsat ghall-ispejjez li kien jaghmel ta’ kuljum. Il-kumpens ghas-servigi ma jikkomprendix ukoll kumpens ghall-ispejjez ta’ kuljum ghal affarijiet bhal ikel, manutenzjoni fid-dar, u hlas ta’ kontijiet; ghal dawn kellu jigi rimborsat apparti. Peress li ma tressqux provi specifici u konkreti dwar l-introjtu u l-infieq mensili ta’ Carmela Muscat u jekk wiehed kienx jizboq l-iehor, din il-Qorti ma tantx tista’ tapprofondixxi fuq dan l-argument. Dwar il-punti l-ohra li ressqu l-appellati, din il-Qorti taghmel referenza ghall-osservazzjonijiet taghha fir-rigward tal-hames aggravju tal-appellanti u tirrileva li biex hija waslet biex qablet mal-ewwel Qorti li l-assenjazzjoni tal-fond 126 Triq Xandriku, Nadur huwa kumpens xieraq ghas-servigi li rrenda, hija effettivament hadet dawn il-fatturi kollha in konsiderazzjoni.

<u>Ir-raba’ aggravju dwar l-ispejjez gudizzjarji</u>

Din il-Qorti mhux ser tikkonsidra dan l-aggravju ta’ natura konsegwenzjali peress li jirrigwarda l-ispejjez f’kaz li l-aggravji tal-appellati jigu milqugha, li mhux il-kaz. Fic-cirkostanzi ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti, filwaqt li tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata, tichad l-appell principali tal-konvenuti kif ukoll l-appell incidentali tal-atturi. Kull parti ghandha tbati l-ispejjez tal-appell introdott minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------